**REĠJUN NOFSINHAR**

**Uffiċċju Amministrattiv, 395, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi QRM 2504**
☎ **21499389 – 21499355**
regjun-nofsinhar.dlg@gov.mt

# POŻIZZJONIJIET VAKANTI
# FIL-KUNSILL REĠJONALI NOFSINHAR
# POSTIJIET VAKANTI TA':

Data 20 ta'Mejju 2025

Sejħa skont Regolamenti ta' Riżorsi Umani Avviż Legali 358 tal-2022 u Aviżż legali 95.2007 para 6(b)

**MANIĠER AMMINISTRATTIV FUQ FONDI EWROPEJ/LOKALI**
**Numru tal-permess 455/2025**

**UFFIĊJAL MANIĠERJALI RESPONSABBLI MILL-PROĠETTI**
**Numru tal- permess 460/2025**

**UFFIĊĊJAL MANIĠERJALI KULTURALI**
**Numru tal-permess 461/2025**

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil

**Termini u kundizzjonijiet**

**1.1** Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar;

**1.2** Waqt il-perjodu ta' prova, l-uffiċċjali magħżula ser jingħataw kors ta' induzzjoni;

**1.3** Is-salarju annwali ta' dawn l-uffiċċjali huwa ta' €33,694.00 fis-sena 2025 Skala 7 notch 7;

**1.4** Persuna magħżula tidħol f'assignment ta' sitta u tletin (36) xahar f' Kunsill Reġjonali, li jistà jiġi mġedded għal perjodi oħra. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti fil-kariga tagħha matul il-perjodu tal-assignment, ikollha l-assignment tagħha terminat;

**1.5** Ir-riżultat ikun validu għal sentejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni.

**Dmirijiet**

**2.1** Id-dmirijiet għal dawn il-postijiet vakanti jinsabu fl-**Anness I** mehmuż ma' din iċ- Ċirkulari.

**Rekwiżiti tal-eliġibbiltà**

**3.1** Sal-ħin u d-data tal-għeluq għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattat dwar iċ-ċaqliq ħieles tal- ħaddiema; jew

ċ. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal- ħaddiema; jew

Uffiċċju Amministrattiv, 395, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi QRM 2504
☎ 21499389 – 21499355
regjun-nofsinhar.dlg@gov.mt

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt irregolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.'

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment għall-Affarijiet taċ-Ċittadinanza u tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identity Malta skont ilħtieġa fl-interpretazzjoni tal-provvedimenti imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

U

iii.

**Maniġer Amministrattiv fuq Fondi Ewropej/Lokali:**

i Ikollhom kwalifika rikonoxxuta fil-Livell 6, suġġetta b'minimu ta' 180 ECTS jew ekwivalenti, f'xi wieħed mill-oqsma li ġejjin, jew simili – *Business Administration*, *Business Management*, *Economics, Banking, Finance, Accounting,* Studji Ewropej jew Liġi; jew

ii Ikollhom kwalifika rikonoxxuta fil-Livell 5, suġġetta b'minimu ta' 60 ECTS jew ekwivalenti, f'xi wieħed mill-oqsma li ġejjin, jew simili - *Business Administration, Business Management, Economics, Banking, Finance, Accounting,* Studji Ewropej jew Liġi; flimkien ma' 5 snin esperjenza ta' xogħol relatata ma' tmexxija maniġerjali fis-settur; jew

iii 10 snin ta' esperjenza ta' xogħol relatat ma' tmexxija maniġerjali f'xi wieħed minn dawn l-oqsma: *Business Administration, Business Management, Economics, Banking, Finance, Accounting,* Studji Ewropej jew Liġi.

**Uffiċċjal Maniġerjali responsabbli mill-Proġetti:**

i Ikollhom kwalifika rikonoxxuta fil-Livell 6, suġġetta b'minimu ta' 180 ECTS jew ekwivalenti, f'xi wieħed mill-oqsma li ġejjin, jew simili – *Project Management, Management Studies,* Studji Ewropej, *Business Administration,* Kreattività u Innovazzjoni, *Quality Assurance Management* jew *Tourism Studies*; jew

ii Ikollhom kwalifika rikonoxxuta fil-Livell 5, suġġetta b'minimu ta' 60 ECTS jew ekwivalenti, f'xi wieħed mill-oqsma li ġejjin, jew simili - *Project Management, Management Studies,* Studji Ewropej, *Business Administration,* Kreattività u Innovazzjoni, *Quality Assurance Management* jew *Tourism Studies,* flimkien ma' 5 snin esperjenza ta' xogħol relatata ma' tmexxija maniġerjali fis- settur; jew

iii 10 snin ta' esperjenza ta' xogħol relatat ma' tmexxija maniġerjali f'xi wieħed minn dawn l-oqsma: *Project Management, Management Studies,* Studji Ewropej, *Business Administration,* Kreattività u Innovazzjoni, *Quality Assurance Management jew Tourism Studies.*

**Uffiċċjal Maniġerjali Kulturali:**

i Ikollhom kwalifika rikonoxxuta fil-Livell 6, suġġetta b'minimu ta' 180 ECTS jew ekwivalenti, f'xi wieħed mill-oqsma li ġejjin, jew simili – Studji Ewropej, Kreattività u Innovazzjoni jew *Tourism Studies*; jew

ii Ikollhom kwalifika rikonoxxuta fil-Livell 5, suġġetta b'minimu ta' 60 ECTS jew ekwivalenti, f'xi wieħed mill-oqsma li ġejjin, jew simili - Studji Ewropej, Kreattività u

Innovazzjoni, *Tourism Studies,* flimkien ma' 5 snin esperjenza ta' xogħol relatata ma' tmexxija maniġerjali fis-settur; jew

i 10 snin ta' esperjenza ta' xogħol relatat ma' tmexxija maniġerjali f'xi wieħed minn dawn l-oqsma: Studji Ewropej, Kreattività u Innovazzjoni, *Tourism Studies*.

iv. **Uffiċċjali Pubbliċi, impjegati fis-Settur Pubbliku u mpjegati fil-Kunsilli Reġjonal/Lokali li japplikaw għal dawn il-pożizzjonijiet iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra kurrenti tagħhom.**

**3.2** Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbilita', sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Barra minn hekk, dawk il-kandidati li għadhom ma kisbux formalment il-kwalifiki msemmija aktar 'il fuq xorta se jiġu kkunsidrati kemm il-darba jissottomettu evidenza li jinsabu fil-fażi finali tal-kors tagħhom li jwassal għal tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jiksbu, jew jiġu approvati, għall-għoti ta' tali kwalifika sal-31 ta' Jannar, 2025. Jekk din l-iskadenza stipulata għall-kisba ta' tali kwalifika ma tinżammx, il-ħatra tkun, għal din ir-raġuni, awtomatikament terminata.

**3.3** L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku, fis-Settur Pubbliku jew fil-Kunsilli Reġjonali/Lokali, għandhom jipprovdu *Service and Leave Record Form* (GP 47) jew dokument relatat li jinkludi paid/unpaid Leave u Sick Leave records għall-aħħar erba' snin, inkluż kwalunkwe records ta' xi azzjonijiet dixxiplinarji (fl-assenza ta' tali records, jiġi mifhum li qatt ma ttieħdet azzjoni dixxiplinarja) aġġornat mingħand id-Direttur jew is-Segretarju Eżekuttiv responsabbli mir-Riżorsi Umani fejn l-applikanti jkunu qed iservu. Filwaqt li dawk li japplikaw minn barra għandhom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

**3.4** Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 3.1 sa 3.3 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

**3.5** Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 3.1 sa 3.4 hawn fuq, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

**Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni**

**4.1** L-applikazzjonijiet għandhom jintbgħatu b'format PDF fuq l-indirizz elettroniku Mariella.strout@gov.mt jew regjun-nofsinhar.dlg@gov.mt sa mhux aktar tard min nhar it-Tlieta 10 ta' Ġunju 2025 23.59hr

**4.2** L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu:

i. Ittra ta' applikazzjoni li tinkludi sezzjoni fejn l-applikant/a jiddikjaraw għal liema post vakanti qiegħed japplika;

ii. *Curriculum Vitae* (li għandu jinkludi, l-esperjenza u l-lista tal-kwalifiki miksuba mill-applikant/a);

iii. Dawk l-applikanti li diġa jaħdmu fis-Servizz Pubbliku, fis-Settur Pubbliku jew fil-Kunsilli Reġjonali/Lokali, għandhom jipprovdu *Service and Leave Record Form* (GP 47) jew dokument relatat li jinkludi paid/unpaid Leave u Sick Leave records għall-aħħar erba' snin, inkluż kwalunkwe records ta' xi azzjonijiet dixxiplinarji (fl-assenza ta' tali records, jiġi mifhum li qatt ma ttieħdet azzjoni dixxiplinarja) aġġornat mingħand id-Direttur jew is-Segretarju Eżekuttiv responsabbli mir-Riżorsi Umani fejn l-applikanti jkunu qed iservu. Filwaqt li dawk li japplikaw minn barra għandhom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji;

iv. Ċertifikati u/jew dokumenti li juru l-kwalifiki u l-esperjenza tal-applikant/a.

**4.3** Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

**4.4** Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

**REĠJUN NOFSINHAR**

**Uffiċċju Amministrattiv, 395, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi QRM 2504**

☎ **21499389 – 21499355**

regjun-nofsinhar.dlg@gov.mt

## Anness I

## Lista ta' Dmirijiet

### Maniġer Amministrattiv fuq Fondi Ewropej/Lokali

1. Jassisti lill-Kunsilli Reġjonali/lokali fit-tfassil u l-formolazzjoni tal-ħruġ ta' offerti bil-kollaborazzjoni ta' persuni professjonali u tekniċi fejn applikabbli;
2. Assistenza amministrattiva fl-għoti ta' sussidji lil studenti għal riċerki dwar aspetti li jkunu jolqtu lir-Reġjun;
3. Jikkomunika ma stakeholders rilevanti u jassisti uffiċċjali oħra kif neċessarju;
4. Isegwi l-policies u l-proċeduri, kemm tal-Kunsill Reġjonali kif ukoll tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali għal ħidma effettivà, effikaċi u spedita;
5. Jikkompila data u statistiċi, jagħmel riċerka u jipprepara rapporti u dokumenti kif neċessarju;
6. Jipprovdi għajnuna lill-amministrazzjoni tar-Reġjun fuq materji finanzjarji kif ukoll jassisti lill-Kunsilli Lokali b'oppurtunitajiet ta' akwist ta' fondi kemm minn skemi offruti f'pajjiżna kif ukoll internazzjonali;
7. Jassisti fit-tħejjija ta' rapporti ta' progress u kwalunkwe proġett ieħor relatat kif meħtieġ;
8. Rapport ta' progress/prestazzjoni għandu jiġi preżentat lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali kull tliet xhur u sa mhux aktar tard minn 10 t'ijiem ta' xogħol (working days) mill-laqgħa tal-Kunsill Reġjonali;
9. Kwalunkwe kompitu ieħor skond l-esiġenza tax-xogħol u li s-Segretarju Eżekuttiv jista' jiddelega lilu/lilha kif jista' jkun meħtieġ.

### Uffiċċjal Maniġerjali responsabbli mill-Proġetti

1. Jassisti fl-ipjannar u twettiq ta' proġetti li jkunu qed jiġu żviluppati mill-Kunsilli Lokali fi ħdan il-Kunsill Reġjonali rispettiv;
2. Jipprovdi appoġġ amministrattiv kif meħtieġ f'dak li għandu x'jaqsam ma proġetti li jkunu qed jitwettqu mill-Kunsilli Lokali;
3. Responsabbli mill-moniteraġġ ta' proġetti, kif ukoll jipprepara u jissorvelja rapporti dwar progress u kull tip ta' rapport kif meħtieġ dwar proġetti;
4. Jorganizza laqgħat ma stakeholders u uffiċċjali oħra dwar proġetti kif meħtieġ;
5. Jikkollabora u jikkoordina ma uffiċċjali oħra kull tip ta' materja skond il bżonn tal-proġetti;
6. Jiżviluppa, jippjana u jwettaq inizjattivi u proġetti mwaqqfa mill-Kunsill Reġjonali;
7. Iwettaq riċerka, jiġbor informazzjoni u jżomm id-dokumentazzjoni kollha meħtieġa dwar il-proġetti kif meħtieġ;
8. Rapport ta' progress/prestazzjoni għandu jiġi preżentat lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali kull tliet xhur u sa mhux aktar tard minn 10 t'ijiem ta' xogħol (working days) mill-laqgħa tal-Kunsill Reġjonali;
9. Kwalunkwe kompitu ieħor skond l-esiġenza tax-xogħol u li s-Segretarju Eżekuttiv jista' jiddelega lilu/lilha kif jista' jkun meħtieġ;

# REĠJUN NOFSINHAR

**Uffiċċju Amministrattiv, 395, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi QRM 2504**
☎ 21499389 – 21499355
regjun-nofsinhar.dlg@gov.mt


**Uffiċċjal Maniġerjali Kulturali**

1. Jassisti fit-tfassil ta' Program Kulturali Annwali li jirrifletti l-istrateġija kulturali tar-Reġjun kif ukoll jikkoordina mal-Kunsilli Lokali rispettivi fit-tfassil, t-tħejjija, l-promozzjoni u l-implimentazzjoni ta' attivitajiet u inizjattivi kulturali kif meħtieġ;
2. Jirriċerka u jirrakkomanda inizjattivi innovattivi li jistgħu jiġu organizzati jew implimentati mill-Kunsilli Lokali sabiex dawn jippromwovu t-tradizzjonijiet kulturali u l-wirt uniku tal-lokalitajiet;
3. Jassisti fil-kollaborazzjoni jew żviluppi ta' *networks* kulturali ma *stakeholders* kemm lokali kif ukoll internazzjonali, sabiex inkabbru l-inklużjoni soċjali, d-diversità kulturali, l-benefiċċju ekonomiku u s- sostenibbilita';
4. It-tfassil ta' Rapport Annwali dwar il-kultura li għandu jiġi ppreżentat lill-Kunsill Reġjonali sal-31 ta' Jannar ta' kull sena;
5. Responsabbli mill-Moniteraġġ ta' proġetti, kif ukoll jipprepara u jissorvelja rapporti dwar progress u kull tip ta' rapport kif meħtieġ dwar proġetti jew inizjattivi kulturali;
6. Jaħdem fuq strateġija edukattiva Reġjonali, li tinkorpora programmi u inizjattivi fi ħdan il-komunitajiet biex iżżid l-opportunitajiet ta' edukazzjoni kulturali tal-irħula u l-ibliet;
7. Rapport ta' progress/prestazzjoni għandu jiġi preżentat lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali kull tliet xhur u sa mhux aktar tard minn 10 t'ijiem ta' xogħol (working days) mill-laqgħa tal-Kunsill Reġjonali;
8. Kwalunkwe kompitu ieħor skond l-esiġenza tax-xogħol u li s-Segretarju Eżekuttiv jista' jiddelega lilu/lilha kif jista' jkun meħtie

Uffiċċju Amministrattiv, 395, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi QRM 2504
☎ 21499389 – 21499355
regjun-nofsinhar.dlg@gov.mt